

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tas-27 ta' Ottubru 2015 – Labiri vs Il-Kumitat tar-Reġjuni

(Kawża F-81/14) ⁽¹⁾

[*Servizz pubbliku — Uffiċjali — Proċedura ta' promozzjoni 2013 — Deċiżjoni li r-rikorrenti ma tiġix promossa — Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — Paragun tal-merti*]

(2015/C 406/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Vassilliki Labiri (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment J.-N. Louis, D. de Abreu Caldas u R. Metz, avukati, sussegwentement J.-N. Louis, R. Metz, N. de Montigny, D. Verbeke u T. Van Lysebeth, avukati)

Konvenut: Il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. C. Cañoto Argüelles u S. Bachotet, aġenti, inizjalment assistiti minn B. Cambier u G. Ladrière, avukati, sussegwentement minn B. Cambier u T. Cambier, avukati)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrenti ma tiġix promossa għall-grad segwenti (AD 13) fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni 2013 tal-Kumitat tar-Reġjuni.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *V. Labiri għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 388, 3.11.2014, p. 32.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' Ottubru 2015 – Xenakis vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-52/15) ⁽¹⁾

(*Servizz pubbliku — Uffiċjali — Irtirar volontarju — Età tal-irtirar — Talba għal estensjoni tas-servizz — Artikolu 52, it-tieni paragrafu tar-Regolamenti tal-Persunal — Rifjut ta' estensjoni tal-perijodu ta' servizz — Interess tas-servizz*)

(2015/C 406/46)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Yannis Xenakis (Woluwe-Saint-Pierre, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Ehrbar, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba għall-estensjoni tas-servizz tar-rikorrent u, konsegwentement, li tikkonferma l-irtirar volontarju ta' dan tal-aħħar fil-31 ta' Ottubru 2014, u talba għad-danni bl-interessi għad-dannu materjali allegatament subiti kif ukoll l-ammont ta' ewro simboliku bħala riżarċiment għad-danni morali allegatament subiti.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Y. Xenakis għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 190, 8.6.2015, p. 38.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef Uniku) tas-27 ta' Ottubru 2015 – Ameryckx vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-140/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Grupp ta' funzjonijiet — Klassifikazzjoni — Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà — Kunċett ta' att li jikkawża preġudizzju — Deċiżjoni konfermattiva — Fatt ġdid u sostanzjali — Inammissibbiltà manifesta)

(2015/C 406/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Marianella Ameryckx (Rhode-Saint-Genèse, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Tymen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta milli tibni mill-ġdid il-karriera tar-rikorrenti billi tiġi kklassifikata mill-ġdid, mill-1 ta' Marzu 2005, fi grupp ta' funzjonijiet superjuri, u t-talba għal kumpens għad-danni materjali u morali allegatament imġarrba.

Dispożittiv tad-digriet

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *M. Ameryckx għandha tbbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbbati l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 65, 23.2.2015, p. 55.